**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru** 1691

**Kaz Nru 2160 HW**

**Fil-Kwestjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dr Glorianne Briffa**

**u**

**1) The Golden Shepherd Group Limited (Reg No 14948)**
**2) Dr Frank Portelli f'ismu propju ghan-nom ta' St. Philip's Hospital**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc.,DPM,IPD(UK)** 11 APR 2006

**Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-30 ta' Dicembru 2003, biex tigi processata mit-Tribunal Industrijali, skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Dr Glorianne Briffa li minn issa tidher bhala l-Appellant, kienet assistita mill-Avv. Geroge Abela. Ghas-Socjeta intimata deher Dr Frank Portelli assistit mill-Avv. Arthur Galea Salomone.**

**Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant tghid, li giet impjegata bhala "part-time Resident Medical Officer" f'St. Philip's Hospital fl-1 ta' Marzu 1999. Hija tkompli tghid, li fit-22 ta' Ottubru 2003, il-management avzaha li l-impieg taghha kien se jigi terminat u kienet ser issir "self-employed".**

**Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant tkompli tghid, li meta indikat mal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig irrizultalha, illi d-data tat-terminazzjoni tal-impieg taghha giet**

retroattiva mill-31 ta' Awissu 2003, kif ukoll minghajr il-kunsens taghha l-istatus ta' l-impieg taghha gie mibdul ghal dak ta' "self-employed".

L-Appellant tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tablet lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kien bi ksur tal-provvediment tal-ligi u ma kienitx ghall-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, illi Dr Glorianne Briffa kienet tahdem ta' "Resident Medical Officer" fl-Isptar St. Philips. Is-Socjeta tkompli tghid, illi b'koncessjoni u mhux bi dritt waqt il-hin tal-Isptar, ir-rikorrenti kienet tara l-pazjenti privati taghha wkoll.

Fl-istqarrija tal-kaz is-socjeta tkompli tghid, li hija giet avzata mis-socjeta tal-assikurazzjoni, li din kellha diffikulta li tibqa tkopri bil-polza tal-assikurazzjoni impjegati, li fil-hin tax-xoghol taghhom mal-isptar ma kienux qed jahdmu esklussivament ghall-isptar. Hija tkompli tghid, li l-management gharraf lill-appellanti li ma setghax jittolera stat ta' fatt, fejn fl-isptar kien hemm impjegati ta' The Golden Shepherd Group Ltd., li ma kienux koperti bl-assikurazzjoni mahruga f'isem l-isptar. Invista ta' dan il-management gharraf lill-apellanti, li x-xoghol privat taghha fil-hin tal-isptar kellu jieqaf immedjatament, jekk din riedet tibqa impjegata fl-isptar u li pero, jekk xtaqet li tkompli taghmel ix-xoghol privat fl-isptar, is-socjeta kienet qed ittiha x-xelta li tibqa tahdem fuq bazi ta' "self-employed". Is-Socjeta tkompli tghid, li l-appellanti gharrfet lill-management li hija kellha kull intenzjoni li tibqa taghmel ix-xoghol privat taghha.

Is-Socjeta itemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li fic-cirkostanzi l-management avza lill-Korporazzjoni ghalll-Impiegi u Tahrig, li l-impieg tar-rikorrenti ma The Golden Shepherd Group Ltd., gie terminat u hija kienet qed tahdem fuq bazi ta' "self employed". Ghaldaqastant, it-terminazzjoni tal-impieg ta' l-appellanti u n-notifika lill-Korporazzjoni ghalll-Impiegi u t-Tahrig, li din kienet

qed tahdem fuq bazi ta' "self-employed" ma kienux bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellant kienet impjegata "part-time" mas-socjeta mill-1 ta' Marzu 1999, bhala "Resident Medical Officer" u l-impieg taghha gie tterminat fil-31 ta' Awissu 2003. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ma gietx indikata ir-raguni ta' tmiem ta' l-impieg, izda is-socjeta ddikjarat li l-istatus ta' l-impieg ta' l-appellant kien sar bhala "self-employed".

Mill-provi quddiem it-tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li is-Socjeta kienet qed ssib diffikulta li tkopri b'polza ta' l-assikurazzjoni impjegati, li fil-hin tax-xoghol taghhom mal-isptar ma kienux qed jahdmu esklussivament ghall-isptar. Mill-provi jirrizulta wkoll, li fit-22 ta' Ottubru 2003, l-management ta' l-isptar informa lill-appellant li l-impieg taghha ma l-isptar kien se jigi tterminat u li kien se jsir "self-employed".

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-appellanti ma kienitx taghmel xoghol iehor privat u ix-xoghol taghha kien dak ma l-isptar. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta gie tterminat l-impieg ta' l-appellant hija kellha tiehu minghand is-Socjeta is-somma ta' LM384.59.0 bhala paga dovuta lillha, kif ukoll is-somma ta' LM253 ghall-servizz moghti fl-"outpatients". Ghaldaqstant, b'kollox is-somma ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (LM 637.59,0).

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjoniet tieghu jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz, u jibda biex jikkunsidra li is-Socjeta setghet kienet qed ssib diffikulta dwar polza ta' l-assikurazzjoni biex tkopri impjegati li ma kienux qed jahdmu esklussivament ghall-isptar u kien fl-interess tas-socjeta li tiehu l-mizuri necessarji biex tissalvagwardja l-interssi taghha. Izda, it-Tribunal Indsutrijali jikkunsidra wkoll l-modd ta' kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant fejn l-appellant giet infurmata fit-22 ta' Ottubru 2003, li l-impieg taghha gie terminat u t-

terminazzjoni saret retroattivament mill-31 ta' Awissu 2003, u f'dan il-perjodu l-appellant baqghet tahdem fl'isptar minghajr ma kienet taf li l-impieg taghha kien gie terminat. It-Tribunal Industrijlai jikkunsidra wkoll, li dan kien nuqqas serju tas-Socjeta u n-nuqqas hu aktar iggravat meta is-socjeta minghajr il-kunsens ta' l-appellant iddikjarat mal-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig, li l-istatus ta' l-impieg ta' l-appellant kien inbidel minn wiehed ta' mpjegat ghal dak ta' "self-employed".

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatturi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib, li kien hemm nuqqas serju mill-management li ma nfurmax lill-appellant li kien se jittermina l-impieg taghha qabel ma effettivament itterminah, kif ukoll li l-management naqas gravament meta minghajr il-kunsens ta' l-impjegata biddel l-istatus ta' l-impieg taghha ghall "self-employed". Invista ta' dan it-Tribunal Industrijli jiddeciedi, li l-appellant ghandha tinghata kumpenss ta' LM 1,637.59.0 (elf sitt mija u tlieta u sebghin lira maltija u disa u hamsin centezmu). liema kumpenss ghandu jithallas mis-Socjeta lill-appellant sa nhar il-Gimgha 28 ta' April 2006. Dan il-kumpenss jinkludi wkoll is-somma ta' LM 637.59.0 dovuti lill-appellant ghall-xoghol li wetqet ghas-Socjeta.

Ghall-iskopp tal-Avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' minn assista lill-partijiet fl'ammont ta' LM40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
Segretarju